# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 338(dd), 17(c), 20, 22, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali**
**Artikolu 224 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

## Magistrat
## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D
## Dip. Eccl. Trib. Rel. Studies

**Il-Pulizija**
**Spettur David Gatt**
v

## MARK FARRUGIA

**Seduta ta' llum, 27 ta' Gunju, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARK FARRUGIA** ta' tnejn u ghoxrin sena bin Joseph Mary u Catherine nee Lia, imwieled Pieta nhar s-sbatax ta' Ottubru, 1978 u joqghod 55, 'St. Mary House', Triq il-Kunvent, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita numru 527178M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli fid-dsatax ta' Ottubru, 2000 f'Tas Salib, limiti tar-Rabat, minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' Arthur Abela f'perikolu car, kkagunalu griehi ta' natura gravi fuq l-istess Arthur Abela skond kif iccertifika Doctor L. Cassar White tal-isptar San Luqa u talli b'hekk kiser il-paci pubblika bi glied w ghajjat.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar d-dsatax ta' Lulju, 2001, esibiti a fol 46 tal-atti processwali.

Semghet x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju w ix-xhieda tad-Difiza.

Semghet lil partijiet jittrattawa l-kawza fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 2002.

Ikkunsidrat:

Illi **Arthur Abela xehed** nhar t-tmintax ta' Gunju, 2001 li fid-dsatax ta' Ottubru, 2000 waqt li hu u l-gharusa tieghu, llum martu Joelene kienu sejrin lura d-dar Haz Zebbug, huwa w niezel mill-inhawi maghrufa bhala Tas Salib, u proprju meta wasal f'nofs t-triq ra vettura gejja mid-direzzjoni opposta bil-bright mixghul. Huwa waqaf u zamm mal-hajt u hekk kif waslet fil-qrib tieghu din il-vettura ghafset ghal fuqu u regghet 'l hemm. Wara ftit din il-vettura regghet b'lura u hareg l-imputat odjern u beda joffendih. Hu nizel mill-karozza u l-imputat li kien diga nizel, imbuttah fuq il-karozza u qabdu jiggieldu. Arthur Abela spjiega li l-imputat beda jaghtih fl-istonku.

Wara ftit nizlu l-genituri tal-gharusa tieghu u ohtha li hija gharusa lil imputat u ferquhom.

Skond x-xhieda ta' **Mr. Carmel Sciberras** l-espert tal-Qorti, dan Arthur Abela sofra feriti ta' natura gravi f'subajh f'idu l-leminija.

**Joelene Abela xehdet** nhar t-tmintax ta' Gunju, 2001 fejn spjiegat li meta kienet niezla minghand ommha ma Arthur Abela, giet karozza u ghafset ghal fuqhom u l-imputat li kien riekeb fiha, beda jitkellem hazin. Fid-daqqa w l-hin Arthur Abela u l-imputat gew fl-idejn pero meta giet mistoqsija x' kienet r-raguni jew mottiv ghal tali glieda, Joelene Abela wiegbet li ma kienetx taf r-raguni. Fid-daqqa w l-hin rat lil genituri taghha u lil ohtha hdejha u missierha beda jzomm lil Arthur Abela. L-imputat beda jaghtih bis-sieq fl-istonku, Arthur Abela hareg idu biex jilqa d-daqqiet u minnufih l-imputat gidimielu.

Meta giet mistoqsija jekk Arthur Abela gidimx lil imputat, x-xhud wiegbet li kienet aljenata. Tiftakar pero li qabel ma nqalghet il-glieda, l-imputat kien stieden lil Arthur Abela ghal glied x'hin nizel Arthur Abela mill-vettura l-imputat qabez fuqu u tefghu fuq il-gemb tal-karozza. Hija ghamlet referenza ghar-ritratti esibiti fl-atti markati

bhala dokument CSH 3 u CSH 4 a fol 14 fejn jidhru diversi tatiniet u grif allegatament kawzati f'dan l-incident.

**Victor Zahra** li jigi missier l-gharusa tal-imputat, **ikkonferma** li dakinhar tal-incident bintu Rachael kienet qieghda fuq il-bejt meta f'xi hin nizlet tghajjat minn fuq u allegat li l-gharus taghha l-imputat kien fl-idejn ma Arthur Abela, l-gharus ta' ohtha. Hija harget tigri mid-dar u marret fid-direzzjoni taghhom u ftit wara nizel hu wkoll u sab lil imputat u Arthur imqabbdin f'xulxin. Huwa zamm lil Arthur Abela li gidmu zewg gidmiet waqt li martu u Rachael zammew lil imputat biex ma jkomplux jiggieldu. Huwa esibixxa certifikat mediku li huwa markata bhala dokument CSH 12, u stqarr li kien Arthur Abela li kien gidmu fuq dirghajh waqt li kien qed jipprova jzommu. Huwa spjiega l-isfortuna ta'dan l-incident u cioe li wara dan l-incident bintu Joelene telqet md-dar u marret tghix ma Arthur, izzewwget bla ma kien jaf, bla ma kien mistieden ghat-tieg, u minn dakinhar 'l quddiem, ma regghetx marret lura d-dar.

**Joyce Zarha xehdet w ikkonfermat** dak li qal zewgha Victor Zahra, salv li qalet li rat lil Arthur Abela jieqaf fit-triq, johrog mill-bieba tal-karozza tieghu waqt li Mark kien ghadu fil-vettura u jaghti

lil Mark u kien f'dak il-hin li daret fuq zewgha u qaltlu li l-gharajjes kienu qed jiggieldu bejniethom.

**Rachael Zahra kkonfermat** li minn fuq il-bejt rat lil Arthur Abela wieqaf u lil gharus taghha, l-imputat, jirriversja. Hija bezghet li kienu ser jiggieldu u ghalhekk nizlet tigri hdejhom u sabithom fl-idejn, jaghtu. Hija zammet lil gharus taghha waqt li mssierha zamm lil Arthur.

**David Gatt, l-Ex Spettur tal-Pulizija, wkoll xehed** fejn qal li dak li kien qallu Arthur Abela a tempo vergine u cioe l-imputat, gidimlu subajh waqt glieda li kellu mal-imputat. Huwa ghalhekk kien baghat ghall-imputat u wara li tah s-solita twissija, l-imputat kien qallu li Arthur Abela gidmu f'wiccu, tant li ghaddielu certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor Gordon Moran li jindika li l-impoutat kellu gidma fuq ix-xellug ta' hugbejh oltre grif u tbengil fuq diversi partijiet ta' gismu.

**L-imputat ghazel li jirrilaxxja stqarrija** li tinsab esibita a fol 19 tal-atti markata bhala dokument CSH 6. Illi minn ezami ta' din l-istqarrija jirrizulta li li l-imputat li kien investigat a tempo vergine tal-incident ta l-versjoni tieghu tal-fatti u cioe kkonferma li kien involut

f'incident ma Arthur Abela pero kien Arthur Abela li rriversja ma gembu u nizel ghalih. It-tnejn esibew certifikati medici li jindikaw gdim u grif. L-imputat ikkonferma l-versjoni tal-fatti kif moghtija minnu waqt l-istqarrija viva voce l-Qorti nhar l-erbgha ta' Marzu, 2002.

Illi l-Qorti ssibha difficili hafna biex tara minn minnhom qed jghid il-verita u cioe min beda l-glieda, ghalkemm thoss li l-versjoni tal-fatti kif esposta mill-imputat hija aktar kredibbli u cioe lli kien Arthur Abela li beda l-glieda, l-ghaliex Arthur Abela kien irrabbjat hafna ghall-imputat ghaliex kien jhoss li huwa kien ttrattat ahjar minnu mill-kunjati. Tant hu hekk li wara l-glieda anke lil martu irnexxilu jferred minn mal-genituri. Illi kieku kien minnu li l-imputat kkagunalu hsara voluntarja fil-vettura tieghu ma kienx jirrapporta l-hsara u jgib stima ghal hsara kagjonati ?

Il-Qorti hija tal-fehma li veru li l-imputat kien gidem lil Arthur Abela pero dan ghamlu sabiex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni tieghu. Ma hemmx dubbju li Arthur Abela kien aggrassiv mal-imputat u dan jirrizulta mhix biss mix-xhieda tal-istess imputat, izda anke minn ezami tac-certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor Gordon Moran u mix-xhieda ex parte li kienu presenti waqt l-incident, b'mod

partikolari ta' Victor Zahra, li qal li Arthur Abela gidmu wkoll kif del resto jirrizulta wkoll mic-certifikat mediku esibit fl-atti. Fl-istatement tieghu l-imputat spjiega l-manjiera kif Arthur Abela qabdu minn wiccu u pogga idejh f'halqu. Spjiega wkoll l-istatura tieghu fis-sens li kienet akbar minn tieghu.

L-imputat qajjem d-difiza ta' legittima difesa kif kontemplata fl-artikolu 224 tal-Kap 9.

Illi kif huwa ben saput, il-gustifikazzjoni ghall-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun inholqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiza, izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak l-perikolu jew theddid jew dannu imminenti. Fil-fatt l-artikolu 223 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid :

"*Ma hemmx reat meta omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita*

*legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.*"

Dan l-kliem huwa car hafna fih innifsu. L-artikolu 224 tal-istess Kap 9 jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.

L-origini tal-artikoli 223 u 224 tal-Kodici Penali ghandhom l-origini taghhom fil-***Codice delle Due Sicilie*** **u l-Kodici Franciz.** Dan jirrizulta mir-rapport tal-Kummissarju Andrew Jamesen li gie ppresentat lil Gvern meta kienu qed jigu promulgati dawn l-artikoli fil-Kodici taghna. Fil-fatt fir-***Rapporto sui Progetti di Legge Penali e di Organizzazione e Procedura Penale per l'Isola di Malta*** **(30/05/1835)** a fol 2 insibu referenza ghal dawn l-artikoli u cioe'

"*Essa non e altro nella sua generale sostanza che il Codice Penale per lo regno delle Due Sicilie, il quale Codice si per essere redato nella lingua italiana, come per altre molte valevoli considerazioni, e' quello che meglio di ogni altra, giudichiamo poteva esservi adattato. Essendo poi lo stesso Codice Siciliano non altro che il Codice Penale Francese.*"

Illi ghalhekk il-Qorti sejra aktar 'l quddiem taghmel referenza ghal kommentaturi fuq dawn iz-zewg Kodici b'referenza ghal dawn iz-zewg artikoli.

Jigi rilevat li d-dritt ghal legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi <u>lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu</u> anke bl-uzu ta' forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha, cioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun <u>ingust, gravi,</u> u <u>inevitabbli.</u> Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. Vuol dire li dak li ghamel l-imputat, ghamlu, peress li f'dak il-mument u cioe' fl-istat mentali li kien ma setghax jevita l-perikolu li setgha irrizulta bl-agir tal-aggressur salv b'dak li ghamel l-imputat. Ghalhekk, kif jghid il-Professur Mamo, il-perikolu ghandu ikun <u>attwali, istantaneo</u> u <u>assolut</u> u b'hekk mhux perikolu premeditat. Il-**Professur Mamo** jghid :

"*The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*"

Wiehed irid jpoggi lilu nniffsu fil-posizzjoni li ikun fiha l-imputat kemm mentalment kif wkoll fizikament, fil-mument meta l-istess imputat agixxa ghar-reazzjoni li kien infaccjat biha, u cioe' l-hsieb tieghu li kien ser jigi aggredit, f'dan il-kaz b'mus mid-distanza li kien u cioe tant vicina. Huwa importanti li l-perikolu ikun attwali mhux imminenti kif jghid u jispjiega **Antolisei :**

"*Occorre infine che l'aggressore abbia creato per il diretto preso di mira un pericolo attuale. Il Codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente' dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula (pericolo attuale) si e voluta porre in rilieva che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e il pericolo presente'* (***Manuale di Diritto Penale - Parte Generale - pg. 261***).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Toni Micallef** - Vol XXIX pt iv pg. 734, ***deciza fis-sittax ta' Ottubru, 1937***, dik il-Qorti qalet sabiex jissusisti l-legittima difesa hemm bzonn li wiehed ikun agixxa biex jirrespingi xi hsara li kienet sejra ssir fuq il-persuna tieghu

minn perikolu imminenti ta' aggressjoni; liema aggressjoni trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli.

Din tkun wkoll l-linja mehuda fil-gurisprudenza taljana kif konfermata f'sentenza moghtija mill-**Corte di Cassazione di Roma *tal-hamsa w ghoxrin ta' Frar,1978 (Anali della Giurisprudenza Italiana(1878) Parte Penale - pg. 56*)** :

> *"Che difatto, a costruire lo stato di legittima difesa nell'agente, e mesteri che questo si trova sotta l'attuale minaccia d'un male ingiusto, grave ed inevitabile."*

F'dan ir-rigward, l-ligi Skocciza hija simili hafna, fil-fatt kif gie deciz fil-**HM Advocate vs Kizileviczius 1983 JC *( A Casebook of Scottish Law ) pg 347*** - li :

> *"To reach the first result, that is to say the result of complete acquittal, you must be satisfied of two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety,*

> *and his alarm must have satisfied two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have been well founded and there must have been no other means of escaping from the danger to which he was subjected. The second point that you must be satisfied that the means which he took to overcome the assaults were necessary."*

Ghalhekk sabiex jissusisti d-difiza ta' legittima difesa irid ikun hemm dawn it-tlett elementi li l-aggressjoni tkun ingusta, gravi u inevitabbli.

Rigward l-ewwel element u cioe li l-aggressjoni trid tkun ingiusta, mhuwiex necessarju li jkun hemm vjolenza ghaliex il-Kodici jittratta biss fuq "offiza". Skond **Antolisei** "*l'oggetto dell'attacco deve essere un diritto*". Rigward il-gravita o meno tal-azzjoni, **Manzini** fil-ktieb tieghu ***Trattato di Diritto Penale (Parte Generale pg. 358)*** jghid :

"*La giustificante dell articolo 52* (li jikkorrispondi ghal artikolu 223 taghna) *non e affalto condizionale alla irreparabilita del danno ma richiede soltanto che siavi un pericolo attuale e d'ingiusta attesa*".

Dwar t-tieni element ta' gravita, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Toni Micallef** - Vol XXIX pt iv pg. 734, ***deciza fis-sittax ta' Ottubru, 1937*** moghtija mill-**Imhallef Harding,** fejn gie deciz li r-rekwizit tal-gravita jezigi certa proporzjoni bejn l-offiza u r-reazzjoni. Issa jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-fatti specie tal-kaz u proprju dak li ghamel l-imputat fid-dawl tas-suespost, jkun konvint li huwa agixxa taht id-difiza tal-legittima difesa u dan ghaliex huwa iddefenda ruhu mill-perikolu li kien mhux gust, gravi u inevitabbli, stante l-aggressur kien gidem lilu u lil kunjati u kien qed jaggredih u jsawwtu. L-imputat rreagixxa bl-istess mod li kien affrontat bih.

**Il-Professur Mamo jghid:**

"*The act of defense must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed, would have inflicted upon the person "irreparable" evil and the*

*law considers as "irreparable" and consequently grave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual. The gravity of the aggression must be understood in relation to the defensive reaction and to the means at the disposal of the agent*".

Fit-tielet lok l-inevitabilita. Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Frar 1958*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emily Zarb** il-Qorti tenniet li fost l-elementi li huma mehtiega biex tigi akkordata l-iskriminanti tal-legittima difesa hemm l-fattur tal-inevitabilita, u minghajr l-konkors ta' dan il-fattur ma jistghax jinghata din l-iskriminanti. Infatti f'**Anali della Giurisprudenza Italiana** ( pt 4, pg. 32 - Roma - 25/01/1898) gie deciz li:

*"Per averci la legittima difesa non basta che vi sia il grave ed imminente pericolo della persona, ma e anche necessario che essa non posa evitarsi in altro modo che col ferire ed uccidere l'aggressore."*

Sabiex l-perikolu jfisser situazione inevitabile, il-perikolu irid ikun "*sudden*" u cioe' li l-imputat ma kienx jaf bil-perikolu ghaliex

f'kaz li l-perikolu kien anticipat b'certezza, ma kienx ikun hemm legittima difesa izda provokazzjoni. Irid ikun attwali u cioe li l-aggressjoni tkun diretta lejn il-vittma *necessitas est lex*.

Fil-fatt gie deciz fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Micallef** (vol XXXIX pg. 1072) li:

> "*Id-dispozizzjoni tal-ligi li tiskuza lil minn jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-propjeta tal-feritur tirrikjedi li l-azzjoni, biex tkun skuzabbli ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qieghda tigi nvaza l-propjeta u in difesa attwali taghha.*"

Fil-fatt **Canofari**, f' **Il Commentatario al Codice Penali delle Due Sicilie** (pg. 204 - lib 11- titole VIII) dwar l-artikolu 373 tal-***Codice delle Due Sicilie*** li jikkorrispondi ghall-artikolu 223 tal-Kap 9, jghid:

> "*La legge e' protettrice della difesa privata non della privata vendetta; ella protegge le impulsioni della natura nei momenti della necessita a del periglio, non gli eccessi. Protegge il diritto non il reato.*"

L-aggressjoni trid tkun assoluta cioe' kif jghid **Carrara** (pg**.** 209 - 306 ***Programma***):

"*Cioe che nel momento stesso del pericolo non posso questo declinarsi con altri mezzi innocenti. Tali mezzi si riducono alle preghiere all'acclamazione alla fuga.*"

**Ghalhekk ghal dawn r-ragunijiet kollha fuq esposti, il-Qorti** tara li l-imputat kien gustifikat li agixxa b'dak il-mod tal-legittima difesa ghalih nniffsu u b'nuqqas ta' volunta u stante li dawn l-eccezzjonijiet qed jigu milqugha u wara li rat l-artikoli 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed tillibera lil imputat MARK FARRUGIA mill-akkuza li voluntarjament kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Arthur Abela u talli kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**